

Brussell, 1 ta' Lulju 2025
(OR. en)

10517/25

Fajl Interistituzzjonali:
2005/0173(NLE)

ECOFIN 837
UEM 328
FIN 719
ECB
EIB

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni
tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għall-Ġermanja

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021
dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għall-Ġermanja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikulari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>.

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (“RRP”, recovery and resilience plan) mill-Ġermanja fit-28 ta' April 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fit-13 ta' Lulju 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni (“id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021”)². Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 ġiet emendata permezz ta' deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Frar 2023³, tat-8 ta' Diċembru 2023⁴ u tas-16 ta' Lulju 2024⁵.
- (2) Fis-6 ta' Mejju 2025, il-Ġermanja għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP parzjalment ma għadux jista' jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Fuq dik il-bażi, il-Ġermanja ppreżentat RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi għall-RRP ippreżentati mill-Ġermanja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 14-il miżura.

² Ara d-dokumenti ST 10158/21 u ST 10158/21 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

³ Ara d-dokument ST 5536/23 INIT fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

⁴ Ara d-dokument ST 15572/23 INIT fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

⁵ Ara d-dokumenti ST 11674/24, ST 11674/24 COR 1 u ST 11674/24 ADD 1 f' <http://register.consilium.europa.eu>.

- (4) Il-Ġermanja spjegat li erba' miżuri parzjalment ma għadhomx jistgħu jinkisbu, minħabba l-inċertezza fl-iżvilupp tas-suq. Dan jikkonċerna l-istadju importanti 4 taħt il-miżura 1.1.1 (Proġetti tal-idroġenu fil-qafas tal-IPCEIs), il-mira 10 taħt il-miżura 1.1.2 (Programm ta' appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni fl-industrija) u l-mira 13 taħt il-miżura 1.1.3 (Skema pilota għall-kuntratti ta' azzjoni klimatika bbażata fuq il-prinċipju tal-Kuntratti għad-Differenza għall-Karbonju), kollha taħt il-komponent 1.1 (Dekarbonizzazzjoni bl-użu tal-idroġenu rinnovabbli b'mod partikolari), u l-mira 58 taħt il-miżura 2.1.3 (IPCEI Next Generation Cloud Infrastructure and Services (IPCEI CIS)) taħt il-komponent 2.1 (Data bħala l-materja prima tal-futur). Abbażi ta' dan, il-Ġermanja talbet li l-istadju importanti 4 u l-mira 13 jitneħħew u li d-deskrizzjonin tal-miżura 1.1.3 tiġi emendata. Barra minn hekk, il-Ġermanja talbet li l-mira 10 tiġi emendata u li l-mira tal-iżborż 58 tiġi emendata u titnaqqas. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (5) Il-Ġermanja spjegat li miżura waħda parzjalment ma għadhiex tista' tinkiseb minħabba rispons limitat mill-parteciċipanti tas-suq. Dan jikkonċerna l-mira 38 taħt il-miżura 1.2.6 (Appoġġ għall-promozzjoni ta' propulsjoni ferrovjarja alternattiva) taħt il-komponent 1.2 (Mobilità li ma tagħmilx ħsara lill-klima). Abbażi ta' dan, il-Ġermanja talbet li l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni għall-mira 38 tiġi estiża u li d-deskrizzjoni tal-miżura 1.2.6 tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (6) Il-Ġermanja spjegat li miżura waħda parzjalment ma għadhiex tista' tinkiseb, minħabba interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista u dewmien fl-iżvilupp. Dan jikkonċerna l-mira 133 taħt il-miżura 7.1.2 (Programm ta' appoġġ għal trasport b'emissjonijiet żero ħfief u tqal) taħt il-komponent 7.1 (REPowerEU). Abbażi ta' dan, il-Ġermanja talbet li d-deskrizzjoni tal-mira 133 tiġi emendata u li l-mira 133 titnaqqas. Barra minn hekk, il-Ġermanja talbet li d-deskrizzjoni tal-miżura 7.1.2 tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (7) Il-Ġermanja spjegat li miżura waħda parzjalment ma għadhiex tista' tinkiseb, minħabba d-diffikultajiet mhux mistennija relatati mat-tħaffir f'sors ġeotermali. Dan jikkonċerna l-mira 45 taħt il-miżura 1.3.2 (Laboratorji ħajjin muniċipali għat-tranżizzjoni tal-enerġija) taħt il-komponent 1.3 (Rinnovazzjoni u kostruzzjoni li ma jagħmlux ħsara lill-klima). Abbażi ta' dan, il-Ġermanja talbet li d-deskrizzjonijiet tal-miżura u tal-mira jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (8) Il-Ġermanja spjegat li żewġ miżuri parzjalment m'għadhomx jistgħu jintlaħqu, minħabba żieda fil-kostijiet u nuqqas ta' domanda. Dan jikkonċerna l-mira 23 taħt il-miżura 1.2.1 (Appoġġ għall-kostruzzjoni tal-infrastruttura tal-iċċarġjar) taħt il-komponent 1.2 (Mobilità li ma tagħmilx ħsara lill-klima) u l-mira 113A taħt il-miżura 6.1.2 (Diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni – l-Implimentazzjoni tal-Att dwar l-Aċċess online) taħt il-komponent 6.1 (Amministrazzjoni Pubblika Moderna). Abbażi ta' dan, il-Ġermanja talbet li l-mira 23 u l-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura 1.2.1 jitnaqqsu. Barra minn hekk, il-Ġermanja talbet li l-mira 113A titnaqqas. Fl-aħħar nett, il-Ġermanja talbet li żewġ stadji importanti addizzjonali 113B u 113C jiżdiedu u li d-deskrizzjoni korrispondenti tal-miżura 6.1.2 tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (9) Il-Ġermanja spjegat li żewġ miżuri ġew emendati biex jiġu implimentati alternattivi li jiksibu l-ambizzjoni oriġinali tal-miżura aħjar. Dan jikkonċerna l-mira 103 taħt il-miżura 5.1.2 (Programm għal sptarjiet li jibqgħu validi fil-futur) taħt il-komponent 5.1 (Tisħiħ ta' Sistema tal-Kura tas-Saħħa reżiljenti għall-Pandemiji) u l-istadju importanti 129 taħt il-miżura 6.2.3 (Aċċellerazzjoni tal-proċeduri tal-ippjanar u tal-approvazzjoni fis-settur tat-trasport) taħt il-komponent 6.2 (Tnaqqis tal-ostakli għall-investment). Abbażi ta' dan, il-Ġermanja talbet li l-mira 103, l-istadju importanti 129, u d-deskrizzjoni tal-miżura 6.2.3 jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (10) Il-Ġermanja spjegat li ġew emendati erba' miżuri biex tiġi implimentata alternattiva aħjar li tippermetti li l-piż amministrattiv jitnaqqas filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġettivi ta' daww il-miżuri. Dan jikkonċerna l-mira 37 taħt il-miżura 1.2.6 (Appoġġ għall-promozzjoni ta' propulsjoni ferrovjarja alternattiva) taħt il-komponent 1.2 (Mobilità li ma tagħmilx ħsara lill-klima), il-mira 48B taħt il-miżura 1.3.3 (Rinnovazzjoni tal-bini: finanzjament federali għal bini effiċjenti fl-enerġija) taħt il-komponent 1.3 (Rinnovazzjoni u kostruzzjoni li ma jagħmlux ħsara lill-klima), il-mira 64 taħt il-miżura 2.2.2 (Programm Federali "Bini ta' networks ta' edukazzjoni u taħriġ kontinwi" [networks CET]) taħt il-komponent 2.2 (Diġitalizzazzjoni tal-Ekonomija) u l-mira 88 taħt il-miżura 4.1.1 (Programm ta' investiment "Finanzjament għall-kura tat-tfal" 2020/2021: fond speċjali "Espansjoni tal-kura tat-tfal matul il-jum") taħt il-komponent 4.1 (Tisħiħ tal-inklużjoni soċjali). Abbażi ta' dan, il-Ġermanja talbet li l-mira intermedjarja 48A titneħħa u li d-deskrizzjoni tal-miżura 1.3.3 korrispondenti tiġi emendata. Barra minn hekk, il-Ġermanja talbet li d-deskrizzjoni tal-miri 37 u 64 tiġi emendata. Barra minn hekk, il-Ġermanja talbet li l-mira 88 tiġi emendata biex jitnaqqas il-piż amministrattiv bl-aġġornament tal-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura 4.1.1 biex tirrifletti biss il-parti ż-żgħira tal-programm ta' investiment li huwa ffinanzjat permezz tal-Faċilità ta' Rikupru u Reżiljenza u mhux il-miżura nazzjonali usa'. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (11) Il-Ġermanja talbet li tuża r-riżorsi liberati mit-tnaqqis fil-livell tal-implimentazzjoni ta' miżura waħda biex iżżid il-livell ta' implimentazzjoni ta' miżura oħra. Dan jikkonċerna l-mira 132 taħt il-miżura 7.1.2 (Programm ta' appoġġ għal trasport b'emissjonijiet żero ħfief u tqal) taħt il-komponent 7.1 (REPowerEU). Abbażi ta' dan, il-Ġermanja talbet li l-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa ta' dik il-mirajizdied. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (12) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet ippreżentati mill-Ġermanja jiġġustifikaw l-emendi skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2021/241. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

Distribuzzjoni tal-istadji importanti u tal-miri

- (13) Id-distribuzzjoni tal-istadji importanti u tal-miri f'pagamenti parzjali jenħtieġ li tiġi emendata biex tqis l-emendi għall-RRP u l-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentata mill-Ġermanja.

Korrezzjonijiet ta' żbalji klerikali

- (14) Ġew identifikati ħames żbalji klerikali fit-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021, li jaffettwaw żewġ miri u tliet miżuri taħt erba' komponenti. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata biex jiġu kkoreġuti dawk l-iżbalji klerikali, li ma jirriflettux il-kontenut tal-RRP ppreżentat lill-Kummissjoni fit-28 ta' April 2021, kif miftiehem bejn il-Kummissjoni u l-Ġermanja. Dawk l-iżbalji klerikali huma relatati mal-mira 30A u mad-deskrizzjoni tal-miżura 1.2.3 (Appoġġ għas-sostituzzjoni tal-flotta ta' vetturi privati) taħt il-komponent 1.2 (Mobilità li ma tagħmilx ħsara lill-klima), il-mira 131 tal-miżura 7.1.2 (Programm ta' appoġġ għal trasport b'emissjonijiet zero ħfief u tqal) taħt il-komponent 7.1 (REPowerEU), id-deskrizzjoni tal-miżura 6.1.1 (ekosistema tal-identità Ewropea) taħt il-komponent 6.1 (Amministrazzjoni Pubblika Moderna) u d-deskrizzjonijiet tal-komponent 1.1 (Dekarbonizzazzjoni bl-użu tal-idroġenu rinnovabbli b'mod partikolari) u 1.2 (Mobilità li ma tagħmilx ħsara lill-klima). Dawk il-korrezzjonijiet ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (15) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità

- (16) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-Anness V, il-kriterju 2.5, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jiffurmaw ammont li jirrappreżenta 46.3 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP, ikkalkulat skont il-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament, l-RRP emendat huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021–2030.
- (17) Il-miżuri mneħħija jew imnaqqsa ma għandhomx impatt sinifikanti fuq l-ambizzjoni ġenerali tal-RRP fir-rigward tat-tranżizzjoni ekoloġika. Il-kontribuzzjoni għall-klima tal-RRP emendat naqset minn 49.5 % għal 46.3 % meta mqabbel mal-valutazzjoni emendata.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali

- (18) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-Anness V, il-kriterju 2.6, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jwasslu għal ammont li jirrappreżenta 46.1 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat, ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII tar-Regolament (UE) 2021/241.

- (19) Il-miżuri mneħħija jew imnaqqsa ma għandhomx impatt sinifikanti fuq l-ambizzjoni ġenerali tal-RRP fir-rigward tat-tranżizzjoni diġitali. Il-kontribuzzjoni diġitali tal-RRP emendat naqset minn 47.5 % għal 46.1 % meta mqabbel mal-valutazzjoni emendata.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (20) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi mressqa mill-Ġermanja ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (d), (da), (db), (g), (h), (i), (j) u (k), tar-Regolament (UE) 2021/241.

Valutazzjoni pożittiva

- (21) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat, bis-sejba li l-RRF jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont li għandu jsir disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat fil-forma ta' appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (22) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat tal-Ġermanja huma ta' EUR 31 081 926 119. Peress li l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat huwa ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima disponibbli għall-Ġermanja, il-kontribuzzjoni finanzjarja determinata skont l-Artikolu 20(4) tar-Regolament (UE) 2021/241 li hija allokata għall-RRP emendat tal-Ġermanja jenħtieġ li tkun ugwali għall-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima disponibbli għall-RRP emendat tal-Ġermanja. Dan l-ammont huwa ta' EUR 30 324 665 082.
- (23) Għaldaqstant, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li jiġi sostitwit kompletament,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Ġermanja hija emendata kif ġej:

- (1) Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat tal-Ġermanja fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inklużi l-istadji importanti u l-miri rilevanti, l-indikaturi rilevanti relatati mat-twettiq tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni ttipprovdi aċċess sħiħ għad-data rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.”;

- (2) l-Anness huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
